# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **45** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **il-Ħamis 19 ta' Mejju 2016 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree' Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Charlot Cassar |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjorina Chantel Zammit |
| Skużati | Is-Sur Mario Calleja |

## ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 44.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Mistoqsijiet.
6. Mozzjonijiet.
7. Informazzjoni mill-Kunsilliera.
8. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 43(1) tat-23 ta' Marzu 2016:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi artiklu 9.1 paġna 10 trid tinbidel u tinqara kif ġej :

*'Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri issuġerixxa lil Kunsilliera illi ser jitneħħew l-arbli fi Triq iz-Zonqor li jibdew minn Triq San Ġorġ għaliex qedgħin fi stat ħazin u wera parti minn arblu.'*

1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi artiklu 9.2 paġna 10 trid tinbidel u tinqara kif ġej :

*'Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri informa lil Kunsilliera li fi Triq Apap Bologna ġiet mibnija soft area ġdida u talab li tiġi inkorporata mas-soft areas tal-Kunsill.*

- Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri u l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħlu għal laqgħa fis-6 :13pm.

1.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi artiklu 3.8 paġna 8 għandu jinbidel u jinqara kif ġej :

'Is-Sindku kompla jispjega illi minflok Iljieli Skalin ser jsir il-Karnival fis-sajf u dan ser jsir fil-21 ta' Awwissu 2016. Huwa kompla jispjega illi l-bord qal li sabiex itella attivita` bħal din irid jkolna kordinatur tal-attivita` illi huwa intiż fil-kultura u peress li s-Sur Alfred Debono ma jistax jkun bħala kordinatur tal-attivita` huwa ħaseb fis-Sur Silvio Farrugia li anke huwa membru fil-bord tal-kultura tal-Kunsill. Huwa stieden lill-Kunsilliera illi jekk jafu lil xi ħadd li jista jgħamila ta' *projects manager* jgħaddu ismu jew isimha.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi ma tistax tingħata kariga ta' attivita` lil istess persuna li qeda membru fil-bord tal-Kultura peress li tiġi konflitt ta' interess.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa importanti li nġibu l-kwotazzjonijiet. Huwa kompla jgħid illi l-attivita` jrid jgħaddilna l-ispeċifikazzjonijiet tal-kwotazzjonijiet li rridu noħorġu.'

***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar ssekondat. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 1 astensjonijiet minħabba li l-Kunsillier Charlot Cassar ma kienx prezenti fil-laqgħa preċedenti.***

***Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mill-Viċi Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 44(1) tal-14 t'April 2016:**

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb illi meta l-mozzjonijiet ikunu prezentati fil-laqgħa jkun imnizzel min issekonda l-mozzjoni u mhux biss min ipproponija.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li ħafna drabi il-mozzjonijiet jaslu tard ħafna u ma jkollhomx sekondant kompla jgħid illi skond il-liġi il-mozzjonijiet kif ukoll il-mistoqsijiet għandhom jiġu pprezentati lill-Kunsill sa tmien tijiem qabel il-laqgħa.

Il-Kunsill qabel unanimament illi kull mozzjoni għandha tintbgħat sa tmien tijiem qabel il-laqgħa tal-Kunsill u waqt il-laqgħa tal-Kunsill ikunu mnizzla kemm min ippropona l-mozzjoni kif ukoll min issekonda.

2.1.2 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard tkellmet fuq artiklu 2.1.4 paġna 3 rigward il-campers għaliex fil-laqgħa preċedenti s-Sindku qal illi ttieħdet azzjoni immedjata u il-campers ġew imneħħija pero jidher li dawn zdiedu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa għal liema campers qed tirreferi.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li għal campers ta' wara il-pixxina, kompla jgħid illi hawn siti ġewwa Malta li huma ddedikata għal camping sites pero` mhux ġewwa Marsaskala,

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb li tittieħed azzjoni qabel ikun tard wisq u n-nies li qiegħdin imorru b'dawn il-campers jieħdu pussess fuq il-post. Is-Sur Ciantar kompla jgħid illi f'seduta tal-Kunsill preċedenti kien ingħad illi ngħidu lill dawn il-campers jiċaqalqu min fejn qiegħdin u jidħlu aktar il-ġewwa meta dan xorta mhuwiex permessibli.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nkellmu l-MEPA u l-Pulizija u jekk dawn il-campers xorta ma jitneħħewx fi zmien ġimgħatejn issir press conference mil-Kunsill.

2.1.3 Il-Viċi Sindku s-Sinjura Desiree Attard tkellmet fuq paġna 7 artiklu 3.6 rigward il-mistoqsija parlamentari u jekk kienx hemm xi risposta.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb illi hu bgħat emails kif ukoll ikuntattja lil Foundation for Tourism Zone Development u informhom illi l-Kunsill għandu jkun jaf bix-xogħolijiet li jkunu ser isiru sabiex ikun jista jitqabbad Perit pero ma rċieva l-ebda risposta.

2.1.4 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet rigward artiklu 8.1 paġna 9 rigward il-cow itch tree.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb illi tneħħew u minflokhom tħawlu siġar taz-zebbuġ pero tnejn min dawn is-siġar qiegħdin jinxfu. Tkellem mal-ELC u infurmawh illi qed jipprovaw isalvawhom imma f'kaz li xorta jmutu jitħawwlu oħrajn flokhom.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi hu kien isuġerixxa li jitħawwlu siġar Maltin u sab persuna illi għandha dawn it-tip ta siġar endemiċi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk irridu li jitneħħew is-siġar kollha minn Ġnien Sant'Anna tajjeb li ssir mozzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi hu ilu jissuġerixxi li jitneħħew il-cow itch trees u jitħawlu siġar oħra dan anke wara li sar rapport fuq dawn is-siġar fejn konna nfurmati li aħjar ma jkun hemm l-ebda siġra milli siġar tal-cow itch dan għaliex apparti li dawn is-siġar iqabbdu l-ħakk mhumiex tajbin għas-saħħa.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-problema li tneħħi dawn is-siġar f'salt huwa l-impatt viziv li jħalli fuq il-ġnien. Dan kien ġie ikkonfermat mil-MEPA fejn kienu irrakomandaw li s-siġar tat-tip cow itch jitneħħew gradwalment.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi minn sentejn ilu l'hawn tneħħew mas-sitt siġriet tal-cow itch u tneħħew tminja oħra reċentament u minflokhom tħawwlu siġar taz-zebbuġ. Kompla jgħid illi jekk ser jitneħħew il-cow itch trees kollha f'salt il-ġnien ser jiġi vojt.

- **<u>Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal laqgħa fis-6:36pm</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi hu jaqbel illi l-cow itch trees jitneħħew bilmod pero` jixtieq li ma jitħawlux biss siġar taz-zebbuġ.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ra siġar li jissejħu siġar ta' ġuda u huma sbieħ ferm u ser ikellem lill-ELC fuqhom għaliex apparti li huma sbieħ huma siġar kbar.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi hu diġa iċċekkja fuq siġar endemiċi u li jieħdu tajjeb minħabba s-salinita tal-post.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi meta jkun ser jibda x-xogħol fuq il-bini tal-Kunsill l-akbar zewġ siġriet ser jinqerdu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk hemmx rapport illi l-cow itch trees tqabbad il-ħakk.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb illi iva dan ir-rapport ġie sottomess lill-Kunsill fil-passat.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi jħoss illi għandna nikkonsultaw ma għaqda ambjentali bħal ma huma l-FAA u nieħdu parir mingħandhom fuq x'inhu l-aħjar li jsir bħal ma sar fil-kaz tal-pjazza ta' Raħal Ġdid.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi il-cow itch trees li nqalgħu milux setgħu tħawwlu f'post ieħor.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kienet ser tiġi spiza kieku sar dan.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi l-Kunsillier is-Sur Ciantar kien qal illi hu ma jridx ikollu xjaqsam l-aktar mat-tneħħija tas-siġar.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fiz-zmien li tneħħħew dawn is-siġar kien hemm l-attivita` ta' San Lazru u ħawwilna is-siġar taz-zebbuġ li ingħatawlna minn din l-attivita`.

Il-Kunsill qabel unanimament illi il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri jibgħat l-informazzjoni tal-persuna li għandha s-siġar endemiċi lill-Kunsill kif ukoll li l-Kunsill jikkonsulta mal-għaqda ambjentali FAA u nfittxu r-rapport li kien sar mill-MEPA rigward il-cow itch trees.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar tkellem fuq artiklu 2.1.4 paġna 4 rigward il-gaggeg tal-fish farms. Hu qal illi jaqbel ma dak li qal il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar illi sabiex issir manutenzjoni fuq dawn il-gaġeġġ qed issir anke ħsara f'qiegħ il-baħar, kompla jgħid illi l-Kunsill għandu jieħu pozizzjoni.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill diġa ħa pozizzjoni fil-laqgħa preċedenti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fl-aħħar laqgħa hu ġibed l-attenzjoni illi tpoġġew l-fish farms u inbtbgħatet enforcement letter illi sa l-aħħar t'April għandhom jitneħħew. Kompla jgħid illi ikkuntatjah xi ħadd mit-Times u qalulu li jinsabu inkwetati għaliex il-gaġġeġ zdiedu minn seba għal għaxra.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi l-punt li irridu nagħmlu aħna bħala Kunsill hu illi dik iz-zona m'hijiex waħda industrijali.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi meta l-Kunsill pprotesta huma infurmaw lill-Kunsill li dik l-area tagħmel ma Marsaxlokk u mhux ma Marsaskala u allura jħoss li allura dawn il-gaġġeġ għandhom jisewwew f'Marsaxlokk u mhux f'Marsaskala.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ma tagħmilx differenza fejn jitellaw dawn il-gaġġeġ u irridu noqgħodu attenti li ma nikkrejawx preċedent. Il-fatt li dawn mhux suppost li jinħadmu fil-Bajja San Tumas.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi għandna nkellmu lill-MEPA kif ukoll it-TM u l-Kunsill ma jibqax jittollera dawn il-fish farms għas-snin li ġejjin.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

- **Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ġie skuzat fis-18:52**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb ngħidu illi l-Kunsill diġa bagħat ittra rigward dan.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ra li s-Sindku informa lill-pubbliku fuq facebook illi sa nhar l-Erbgħa li ġej dawn il-gaġġeġ ser jiġu mneħħija u għalhekk qal li tajjeb ninfurmaw lis-Sindku x'ġie deċiz waqt din il-laqgħa peressli mhuwiex prezenti filwaqt li kompla jgħid illi l-enforcement letter li ntbgħatet mill-MEPA diġa nkissret.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 6 artiklu 3.1.2 rigward il-bandli taz-Zonqor u jekk kienx hemm xi updates.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb illi hu kellem lill Perit bil-miktub wara l-laqgħa li għaddiet, qal illi saret laqgħa mal-Perit fejn tkellmu fuq dak li ddiskutejna waqt il-laqgħa tal-Kunsill u reġa fakkru darb'oħra illi hemm bzonn il-pjanti u l-BOQ's pero` s'issa għadu ma rċieva xejn mingħandu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi l-Kunsill ma jistax jibqa sejjer hekk u x-xogħlijiet li għandhom isiru jiġu mwaqqfa minħabba n-negliġenza ta' dan il-Perit.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jaqbel mall-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u ssuġerilu illi jagħmel mozzjoni fejn nagħmlu sejħa għal tender ġdid hu lest li jissekondah.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nibdew nibgħatu d-deadlines lill-Perit għax-xogħolijiet li jridu jsiru.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 9 artiklu 3.13 rigward ix-xogħlijiet li qed isiru mill-Enemalta fi Triq l-Iskal u staqsa meta ser jibdew ix-xogħolijiet .

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-ewwel iridu jitlestew ix-xogħolijiet mill-W.S.C imbagħad ikunu jistgħu jibdew ix-xogħolijiet mill-kuntrattur tal-Enemalta biex jagħti l-asfalt finali.

2.1.8 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 2 artiklu 2.1.1 fejn prezenta ittra li kienet intbgħatet lill-Kunsill lura fl-2009 fejn titkellem rigward l-ammont ta' impjegati li l-Kunsill seta jingaġġa fejn hemm mnizzel li qed japprovaw zewġ impjegati il fuq mill-massimu. Hu qal li din l-ittra qed jipprezenta sabiex jissustanzja dak li qal fil-laqgħa preċedenti.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li fil-passat, il-Kunsill Lokali kienu jingaġġaw ħaddiema klerikali bis-support services u imbagħad inħarġet direttiva li ma setgħux izjed. Għaldaqstant bħalma ġara fil-Kunsill Lokali ta' Marsaskala, dawk il-ħaddiema ġew approvati mid-Dipartiment biex jidħlu bħala impjegati tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa rigward il-ftuħ tal-uffiċini tal-Kunsill fis-sajf.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi wara li evalwa kollox cioe' il-ġranet li l-impjegati tal-customer care jaħdmu kif ukoll f'kazi ta' sick leave u vacational leave iddeċieda illi nibdew bħala prova u l-uffiċini tal-Kunsill jibdew jinfetħu ħinijiet normali cioe mis-7:30am sas-1:30pm pero it-Tnejn l-Erbgħa u l-Ġimgħa jibqgħu miftuħin sas-2:30pm pero` ser ikun qed jimonitorja l-ammont ta' nies li jirrikorru ġewwa l-uffiċini f'dawk il-ħinijiet. Ovvjament fix-xahar t'Awissu il-ħinijiet ikunu dejjem sas-1:30pm.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2.1.9 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 4 artiklu 2.1.6 u qal illi l-bins on wheels li kellhom jitnaqqsu min naħa tal-Green Mt fi Triq il-Blajjiet għadhom hemm qal ukol illi dawk ta quddiem Sala Sant Anna tneħħew.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi d-domes ta' ħdejn Villa Sant Anna mexxewhom in-naħa tal-baħar u hemm ħmieġ kbir .

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi min naħa tagħna informajna lill-Green Mt ħafna drabi.

Sar qbil unanimu illi nerggħu nikkuntatjaw lill-Green MT.

2.1.10 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 7 artiklu 3.4 u qal illi l-patching qiegħed isir u saru diversi toroq.

IL-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb illi jitnaddaf l-ammont kbir ta zrar li tħalla wara li sar il-patching, qal ukoll li importanti jsiru ir-road markings fit-toroq li tlestew.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.0 **<u>Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq jressaq quddiem il-Kunsill:</u>**

3.1 **<u>Stimi għal photocopier għal customer care:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi hemm bzonn ta photocopier għal customer care tal-Kunsill kompla jgħid illi ġab l-istimi għal ta' tlett photocopiers li jkunu bil-full service maintenance agreement u jitneħħew il-printers li huma inkjet.

| | Price taken with FSMA | Leased for 36 months | FSMA B&W A4 per click | FSMA Colour A4 per click |
|---|---|---|---|---|
| Canon | €1210.00 | €38.50 | €0.013 | €0.09 |
| Xerox | €880.00+vat €1,038.40 | | €0.0145+VAT 0.017 | €0.15 +VAT €0.18 |
| Kyocera | €575.00+VAT €678.50 | | €0.014+ VAT 0.016 | €0.12 + VAT €0.14 |

Sar qbil unanimu illi tintgħazel il-photocopier Kyocera bl-ammont ta €678.50 vat inkluz

3.2 **Risposti għal kaz ta' eks impjegat tal-Kunsill:**

Il-Kunsill aċċetta r-risposta li ingħatat mill-avukat u d-Department for Industrial and Employment Relations u mhux ser jipproċedi iktar fuq il-kaz peress li l-Kunsill m'għamel xejn ħazin f'dan il-kaz.

3.3 **Sejħa għal fondi tal-EU mill-PPCD (35/1625/16/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment rigward proġett permezz tal-PPCD u qal illi l-Kunsill kien għamel proġett ta' ħdejn l-Eks Jerma permezz tal-PPCD kompla jgħid illi dan kien proġett li ħa ħafna ħin minħabba l-burokrazija li tezisti f'din l-iskema qal ukoll illi ma jsib l-ebda oġezzjoni sabiex nieħdu sehem fi skemi oħra tal-Unjoni Ewropeja pero mhux din l-iskema.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.4 **Arti fil-beraħ se titħassar u l-Kunsill se jikkonċentra fuq il-Karnival:**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill iddeċieda illi minflok isiru zewġ attivitajiet cioe Arti fil-Beraħ u l-Karnival tas-sajf il-Kunsill ser jikkonċentra fuq attivita waħda li hija l-Karnival tas-sajf, kompla jgħid illi l-Kunsill irċieva l-approvazzjoni għal €5000 imma l-Kunsill kien talab għal €8495 pero din id-darba fl-ittra ta approvazzjoni nizlulna ukoll kif irridu nutilizaw il-flus mogħtija li din ser tkun problema jekk l-ispejjez mhux ser ikunu globali. Kompla jgħid illi l-Kunsill jiflaħ joħroġ ftit flus minħabba li ma saritx attivita oħra.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega lill-Kunsill illi fil-frattemp saret laqgħa oħra mal-kumitat tal-karnival flimkien mat-TM, LESA u l-pulizija sabiex niddiskutu t-traffic management għal din l-attivita.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-kumitat tal-Karnival ħeġġiġna sabiex nagħtu aktar positijiet għal kiosks pero tajjeb li nikkonsultaw sew il-postijiet li jistgħu jiġu utilizzati, kompla jgħid illi kiosks armati bil-junk food huma pprojbiti.

➢ **Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal lura fil-laqgħa 7:39pm.**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi tajjeb li jkollna sponsors għal din l-attivita` fosthom mingħand il-ħwienet ġewwa Marsaskala.

Il-Viċi Sindku s-Sinjura Desiree Attard qalet illi l-Kunsill kien ħatar persuna li jkun jista jigbrilna l-isponsors hu umbagħad jieħu persentaġġ għalih..

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li tajjeb imur dan il-persuna ġewwa l-istabbilimenti f'Marsaskala u mhux il-Kunsilliera.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nistennew risposta mingħand id-Dipartiment rigward l-fondi mogħtija u jekk nistgħux nuzawhom globalment kif ukoll nkellmu lill-persuna li l-Kunsill kien ħatar sabiex jiġbor l-isponsors.

3.5 **Bord ta' evalwazzjoni għat-tenders.**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill ser jgħaddi l-aħħar tender bis-sistema l-antika f'din il-laqgħa għaliex issa t-tenders ser jibdew jinħadmu permess tal-e tendering.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk meta l-individwu jibgħat it-tender permezz ta din is-sistema jekk dan it-tender ikunx jista jinfetaħ qabel.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb illi s-sistema ma tħallikx tara it-tender qabel ma jkunx wasal iz-zmien u l-ħin fejn din it-tender tkun tista tinfetaħ, kompla jgħid illi wara li it-tenders jinfetħu mil-opening staff dawn iridu jiġu evalwati u t-tlett membri li ser jgħamlu l-evaluation tat-tender ma jistgħux ikunu membri tal-Kunsill. Hu kompla jgħid illi bħala evaluation staff kellu f'moħħu lis-Sur Brian mill-Għaqda Bajja San Tumas għaliex huwa bniedem tekniku, persuna mill-pubbliku li jistgħa jkun is-Sur Joe Mercieca u l-accountant tal-Kunsill pero fit-tender li jmiss din ma tisgħax tkun parti mill-evaluation board minħabba li t-tender huwa sejħa għal accountant għal Kunsill. Kompla jgħid illi wara l-evalwazzjoni tal-bord dan jgħaddi għad-deċizjoni tal-Kunsill liema deċizjoni trid tittieħed wara li jitwaqqaf il-live streaming tal-laqgħa għaliex inkella l-persuni li jkunu qed isegwu l-laqgħa jkunu jafu r-rizultat qabel t-tenderers u dan mhuwiex ġust. Dawn huma kollha direttivi mgħotija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi din is-sistema inħolqot sabiex titnaqqas il-burokrazija u s-sistema issir aktar semplici.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jaqbel miegħu illi titnaqqas il-burokrazija pero` irid jifhem ukoll illi l-Kunsill ilu jaħdem bis-sistema tat-tenders l-antika minn kemm ilhom jezistu l-Kunsilli u din is-sistema hija totalment differenti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-Kunsilliera ma jistgħux ikunu dejjem obbligati li jkunu opening staff minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kien hemm Kunsilli oħra fejn il-Kunsilliera xoljew ruħhom minn opening staff u taw id-dritt lill-istaff tal-Kunsill sabiex jiftħu it-tenders , f'kaz li l-Kunsilliera ma jkunux jistgħu jattendu.

Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri staqsa jekk il-persuni li jkunu fil-bord tal-evalwazzjoni jitħallsux.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għandhom dritt jitolbu għal kumpens.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri issuġerixxa lill-Perit is-Sur Adrian Falzon, l-Perit Carl Mifsud Borg sabiex ikun fl-evalwazzjoni tat-tender tal-accountant.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri isuġerixxa lis-Sur Chris Schembri.

Sar qbil unanimu illi jintagħzel persuna waħda min dawk proposti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk il-Kunsilliera jistgħux jattendu waqt l-evalwazzjoni mingħajr ma jitkellmu għaliex hemm tenders fejn il-Kunsilliera ikunu aktar intizi u jidħlu aktar fid-dettal.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ser jiċċekja jekk tistax issir.

Is-Segretarju Ezeuttiv qal illi tajjeb li naqblu illi kemm il-darba l-Kunsilliera ma jkunux jistgħu jattendu għal ftuħ tat-tender jagħtu d-dritt lill-istaff tal-Kunsill sabiex ikunu huma l-opening staff.

Sar qbil unanimu dwar dan.

3.6 **Korrispondenza mil-iscouts ta' Stella Maris (35/1827/16/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-iscouts ta' Stella Maris fejn jixtiequ illi jagħtu xi siġar sabiex il-Kunsill jista jħawwel f'area magħzula fejn kien hemm il-ħsieb li jitħawlu s-siġar.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi Triq il-Blajjiet hemm ħafna konok fejn mietu siġar u jistgħu jitħawwlu oħrajn flokhom.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalet illi tajjeb naraw x'tip ta' siġar ser ikunu qed jagħtuna u ninfurmawhom illi l-Kunsill jippreferi li jkunu siġar indiġini u kemm hu l-amont li ser ikunu qed jgħatu.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.7 **Palm nieqes mal-Promenade:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk isir il-proġett tal-Universita fiz-Zonqor ser ikunu qed jinqalgħu madwar seba palmiet u tajjeb li nitolbu sabiex dawn il-palm jkunu jistgħu jitwaħħlu fi Triq is-Salini fejn mietu xi palm u hemm in-nieqes.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jittama li l-palm ta' ħdejn il-pixxina jibqgħu fejn huma u tajjeb li nħawwlu palm ġdid fejn hemm nieqes fi Triq is-Salini mal-promenade hu speċifika li jistgħu jitħawwlu palm tat-tip Washingtonia. Kompla jgħid illi l-aħħar li xtrajna konna ġibnijom min Għawdex u ħadnijom bi prezz irħis allura ser jara jekk jistgħux jerġgħu jinxtraw minn hemm.

Kien hemm qbil unanimu li nkellmu lill-ELC.

3.8 **Korsijiet tas-sajf organizzati mit-TCTC (35/1735/16/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan huwa l-kors tal-kompjuter tat-tfal li jsir kull sena min naħa tat-TCTC qal ukoll li l-prezzijiet baqgħu l-istess bħal kull sena.

Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru dawn il-korsijiet.

3.9 **Korrispondenza mid-Dipartiment dwar tender mogħti mill-Kunsill:**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi hu ircieva korrispondenza mid-Dipartiment fejn xi ħadd anonimu u rrapporta lill-Kunsill lid-Dipartiment rigward tender fejn dawn irreferu ukoll lill-IAID fejn irreferi għal tender li ingħata mill-Kunsill fejn kien hemm indikat li kien tender tal-iskart u wara li hu rrisponda induna li kienu qed jirreferu għat-tender tal-Bulky refuse fejn il-Kunsill kien innegozzja l-prezz tat-tender ma l-uniku kuntrattur li kien tefa t-tender sabiex iġib prezz aktar vantaġġjuz lejn il-Kunsill. Kompla jgħid illi din saret f'postijiet oħra u la darba l-Kunsill ħadem sabiex iġib prezz aħjar lill-Kunsill ma kien hemm l-ebda ksur ta' liġi.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.10 **Zieda fin-notch tal-impjegata Chantel Zammit minn Mejju 2016:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi s-Sinjorina Chantel Zammit għanda ż-żieda fin-*notch* li ser tipprogressa għan-*notch* 5 f'Mejju 2016.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.11 **<u>Risposta għal management letter tal-awdituri mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi rċevejna l-management letter mingħand l-awdituri qal illi hu flimkien mal-Accountant tal-Kunsill pprepara r-risposta għal management letter li giet diskussa waqt is-seduta.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġezzjoni u r-risposta ser tintbgħat lill-awtoritajiet ikkonċernati.

3.12 **<u>Ċint tal-magħluq:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa x'ser isir fuq iċ-ċint maqlugħ li hemm fil-Magħluq

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb illi kellem lill-foreman u x-xogħolijiet ser isiru min naħa tal-Works Division.

4.0 ***<u>Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:</u>***

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta quddiem il-Kunsill pagament li daħal tard ta' JV Meli imports Invoice number 127385 li jammonta għal €437.50 għal xiri ta' LED bulbs.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nħallsu lil dan il-kuntrattur.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri irrimarka fuq pagament numru 3569 ta' Saliba Bros Ltd u staqsa ta xiex kien dan il-pagament.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li dan hu l-pagament meta għalaqna it-tappiera tad-drenaġġ.

4.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa rigward pagament numru 3602 tal-ELC ltd u staqsa min ser iħallas dan il-kont għaliex dan kellu jitħallas mill-attivita' ta' San Lazzru.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi f'din l-invoice l-parti ta' San Lazru jammonta għal €289.10 u se nibgħatuh lill-għaqda ta' San Lazru.

4.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq pagament 3576 tal-Expose signs li jammonta għal €57.82 għal plakka għaċ-ċerimonja ta' San Lazru u qal li dan għandu jintbgħat lilhom ukoll flimkien mal-pagament tal-ELC.

4.5 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri irrimarka fuq l-pagamenti tal-Oasis Ironmongery u qal illi fil-laqgħa preċedenti hu diġa qal lill-Kunsill sabiex il-ħaddiema ma jmorrux biss għand Ironmongery wieħed.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li dawk huma pagamenti tal-bidu tax-xahar u l-ħaddiema diġa bdew imorru għand ironmongery ieħor apparti l-Oasis.

**Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard ipproponiet l-awtorizzazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar issekonda.**

Il-Kunsill approva unanimament.

5.0 ***Mistoqsija:***

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ressaq mistoqsija quddiem il-Kunsill:

*'Ftit taz-zmien ilu l-Kunsill għamel press conference quddiem il-media rigward l-istat li jinsab fih il-Magħluq , il-Kunsill kellu xi feedback min din il-press conference? '*

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb illi ma rċieva l-ebda feedback u ma ttieħdet l-ebda azzjoni mil-awtoritajiet ikkonċernati.

5.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ressaq mistoqsija quddiem il-Kunsill:

'X'posizzjoni u x'deċizjoni ser jieħu l-Kunsill rigward il-big screens u l-permessi ta' mwejjed u siġġijiet fl-istabbiliment tal-ikel u xorb ġewwa Marsaskala fi zmien l-European cup? '

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dawl li ser iwaħħlu big screens iridu jipprezentaw ċertifikazzjoni mingħand engineer fejn jiċċertifika li kollox se jiġi installat kif suppost, kompla jgħid illi dawk il-ħwienet kollha li ma jiġux il-Kunsill japplikaw għal-permessi tal-imwejjed u siġġijiet u joħroġuhom xorta l-Kunsill ser ikun qed jirraporta mal-Pulizija.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jidher li l-uniku big screen li jista jsir huwa fi Pjazza Mifsud Bonnici għaliex fil-ħwienet l-oħra ta matul ix-xatt jistgħu iwaħħlu screen mal-propjeta` tagħhom u ma jkunx hemm għalfejn permess mill-Kunsill. Kompla jgħid illi mhux ser jingħataw permessi ta' mwejjed u siġġijiet taħt il-bankina.

Sar qbil unanimu illi nkellmu lill-Pulizija.

5.1.1 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri irrimarka illi l-liġi li tgħid li l-mozzjonijiet iridu jaslu ġewwa l-Kunsill sa tmien tijiem qabel il-laqgħa u din tgħodd ukoll għal mistoqsijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma dan.

Il-Kunsill qabel unanimament illi kemm il-mistoqsijiet u l-mozzjonijiet għandhom jintbgħatu lill-Kunsill sa tmien tijiem qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

6.0 ***Mozzjonijiet:***

6.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - is-Sur Charlot Mifsud (#117 – 21/4/16) :**

*"Jipproponi sabiex nagħmlu talba għal humped zebra crossing ħdejn il-bus stop ta' ħdejn l-iskips fi Triq il-Blajjiet."*

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ppropona emenda f'din il-mozzjoni sabiex issir humped zebra crossing oħra ħdejn il-cool waters.

Is-Segretarju Ezekuttiv informah illi dik diġa applikajna għaliha u qed nistennew sakemm issir.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi aħjar din issir ħdejn il-mini market.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi apparti din il-hump tajjeb li jsiru tabelli fi Triq il-Blajjiet min ħdejn il-luzzu sal-mini market qal illi għandhom isiru tabelli 'slow signs' u '30k/h'.

Sar qbil unanimu illi jsiru dawn it-tabelli u napplikaw għal humped zebra crossings viċin il-mini market mat-TM.

6.2 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku - is-Sur Mario Calleja (#118 – 26/4/16) :</u>**

*"Jipproponi sabiex meta jitlesta il-Ġnien ta' Zonqor, jiġi msemmi għall-mibki ħabib tagħna Alfred Debono. Dan dejjem wara li nikkonsultaw mal-familja tiegħu."*

Kien hemm qbil unanimu

6.3 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri (#119 – 5/5/16) :</u>**

*"Jipproponi sabiex il-Kunsill jagħmel talba lill-Planning Authority sabiex dawk is-siti storiċi li jinsabu ġol-lokal tagħna u għadhom mhumiex skedati jiġu skedati. Dan sabiex inkunu qiegħdin inħarsu l-wirt storiku li jinsab fil-lokal tagħna."*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi sar jaf b'siti storiċi f'Marsaskala fejn ser ikun qed jibgħat din il-lista lill-Kunsill sabiex inkunu nistgħu ngħadduhom lill-Planning Authority.

Sar qbil unanimu.

6.4 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri (#120 – 5/5/16) :</u>**

*"Jipproponi sabiex waqt il-ħin tad-dħul u ħruġ ta l-iskola Triq Dun Frans Bianco tkun magħluqa minħabba it-tfal ta l-iskola jiġu mpoġġija tlett cones min naħa ta Triq ta' Monita sabiex ħadd ma jkun jista jinzel lej Triq Dun Frans Bianco min naħa ta' Monita."*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dan ix-xogħol irid isir mill-Pulizija għaliex dawk in-nies li jkunu nizlin minn Triq l-Immakulata u b'aljenazzjoni jibqgħu nizlin fil-ħinijiet tal-iskola dawn ikollom jirriversjaw it-triq kollha u ħafna drabi anke jeħlu ċitazzjoni allura jekk jitpoġġew 3 bollards dan inkunu nistgħu nevitawh, kompla jgħid illi dawn il-bollards nistgħu ntuwhom l-iskola sabiex izommuhom hemmhekk u l-pulizija jkunu jistgħu joħduhom min ġo l-iskola.

Sar qbil unanimu.

6.5 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja (#121 – 17/5/16) :</u>**

*"Jipproponi sabiex nistiednu daqs ħames membri mid-Douzelage għall-attivita tal-Karnival li ġej. Il-Kunsill jagħmel tajjeb għall-zewġ iljieli u l-ikel bejn il-Ġimgħa u l-Ħadd. "*

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk il-Kunsill għandux xi kwantifika ta' kemm tiġi l-ispiza.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi hu tkellem mas-Sindku u qablu illi għandna nallokaw amont ta' flus fejn dan ma jistgħax jinqabez jekk naraw li l-budget mhux ser iservi nistiednu inqas nies minn ħamsa.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet x'ser ikunu qed jagħmlu dawn in-nies fil-Lokal tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi dawn ser nistiednuhom bħala twinning u peress li ser isir dan il-proġett f'Marsaskala tajjeb li nistiednu lil ftit membri min dan il-ġemellaġġ hekk kif jagħmlu l-pajjizi l-oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalu illi ma jħossux li għandna nistiednuhom.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi din hija biss stedina li hemm ċans li ħadd ma jiġi xorta waħda.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi jħoss li tajjeb din il-mozzjoni ngħadduha meta s-Sindku jkun prezenti u b'hekk inkunu nistgħu niddiskutuha flimkien miegħu u tajjeb jiġi pprezentat anke budget, kompla jgħid illi jekk irridu promotion għal din l-attivita tajjeb li jsir reklam mingħand it-Tourism Authority.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ma jaqbilx li nonfqu flus mill-budget tagħna biex nagħmlu din il-ġita kulturali.

Il-Kunsill qabel unanimament li din il-mozzjoni tiġi pprezentata fil-laqgħa li jmiss

6.6 ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri* (#122 – 18/5/16):**

*"Jipproponi sabiex li jitkompla ix-xogħol meħtieġ sabiex nirranġaw d-dawl fi Triq il-Blajjiet min fejn tibda it-tela min ħdejn il-kajjiek sa fejn jibda il-bini kantuniera ma Triq Għaxqet l-Għajn. Dan minħabba li hemm ħafna lampi li huma fi stat ħazin u hemm il-cables li qed jinqatgħu bil-maltemp."*

Kien hemm qbil unanimu.

6.7 ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri* (#123 – 18/5/16):**

*"Jipproponi sabiex inziedu zewġ lampi oħra fejn ma hemmx fi Triq id- Dugħ in-naħa ta' ġewwa."*

Kien hemm qbil unanimu.

6.8 ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur Charlot Cassar* (#124 – 18/5/16):**

*"Jipproponi li ssir evalwazzjoni ta' x'miżuri għandhom jittieħdu sabiex tiġi kkontrollata l-inċidenza tal-abbuż minn sewqan b'veloċità eċċessiva fi Triq is-Silla."*

Il-Kunsill qabel unanimament illi jsiru tabelli.

6.9 ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur Charlot Cassar* (#125 – 18/5/16):**

*"Jipproponi li jitwaħħal bus shelter fi Triq il-Qaliet waqfa bin-nomenklatura Thomas Ashby."*

Sar qbil unanimu illi nkellmu lit-Transport Malta

6.10 ***Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur Charlot Cassar* (#115 – 17/3/16):**

Din il-mozzjoni ser tgħaddi ma din is-seduta minħabba li fil-laqgħa preċedenti l-Kunsillier s-Sur Cassar ma kienx prezenti

*"Jipproponi illi l-Kunsill Lokali jagħmel talba formali lil Transport Malta sabiex jizdied Bus Stop fi Triq Sant Antnin, direzzjoni Marsaskala, biswiet Triq Ġebel Ħanxul, jiġifieri faċċata ta' Triq id-Dugh. Dan il-Bus Stop hu meħtieġ peress illi dawk ezistenti huma konsiderevolment il-bogħod minn din iz-zona li fiha jabitaw numru ta' nies li jagħmlu uzu mit-trasport pubbliku."*

7.0 **Informazzjoni mill-Kunsilliera:**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal lill-Kunsill illi fil-gazetta jidher permess ta’ ħanut fejn ser issir bil-canopy tal-injam.

- **Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ħareġ mil-laqgħa 9:07pm.**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dan l-istabbiliment qiegħed ħdejn il-47 Summer nights u x’aktarx li jinsab ġewwa Pjazza Mifsud Bonnici.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi tajjeb li naraw li din il-canope ma issirx permanenti bħal ma ġara f’kaz ieħor f’Marsaskala.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din għandha taqa taħt il-Lands Department.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb li nidhlu fis-sistema tal-planning u niċekkjaw il-permess hemmhekk.

Il-Kunsill qabel li kemm il-canopy kif ukoll l-imwejjed u siġġijiet għandhom jinħarġu sa fejn hemm l-imwejjed u siġġijiet l-oħra fl-istess pjazza u li fil-kaz li hemm iktar imwejjed u siġġijiet, il-Kunsill għandu joġezzjona.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ħareġ mil-laqgħa fid-9:14pm.

- **Aġġudikazzjoni tat-Tender KLM 2016/01 – Tender for environmentally friendly cleaning services for public convenience in Marsaskala:**

Is-Segretarju Ezekuttiv pprezenta ħames offerti :

| No | Contractor | Remarks | Amount |
|---|---|---|---|
| 1 | Total Management Solutions Company Ltd | no G.P.P | €22,880.74<br>€6.44 rate/hr |
| 2 | Mr Christopher Bezzina | No G.P.P | €26,985.42<br>€6.81 rate/hr |
| 3 | Ms Analise Farrugia | | €24,803.60<br>€6 rate/hr (first 25hrs free of charge) |
| 4 | Mr Saviour Mifsud | | €34,394.29<br>€7.20 rate/hr |
| 5 | JF Services Ltd | Decleration of understading no submitted | €44,670.26<br>€2351.06 rate/hr |

Is-Segretarju Ezekuttiv tkellem fuq Total Management solutions u qal illi meta tikwantifika is-siegħat li jridu jaħdmu dawn jiġu jaħdmu bil-prekarjat filwaqt li huwa technically non compliant minħabba li ma pprezentaw il-Green Public Procurement document.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi s-Sur Christopher Bezzina kien ukoll technically non compliant għaliex ma issottomettix il-green public procurement document.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi is-Sinjura Analise Farrugia tefgħat it-tender ta €24,803.60 fis-sena fejn meta tneħħi il-18% VAT u 5 % management fee din ser jifdlila €1,214.00 u minnhom trid tisupplixxi d-detergents u t-toilet paper, kompla jgħid illi l-offerent l-ieħor huwa is-Saviour Mifsud li tefa it-tender ta' €34,394.29 u meta tnaqqas l-18% VAT u l-5% management fee jifdallu €9,000 u minnhom iridu jinqatgħu id-detergents u t-toilet paper, qal illi l-aħħar offerent huwa JF Services Ltd illi tefa it-tender bl-ammont ta' €44,670.26 meta tneħħi l-18% VAT u l-5% jifdal €17,249.00.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din is-sitwazzjoni diġa għaddejna minnha u m'għandniex nagħmlu l-istess zball, kompla jgħid illi jekk nikwantifikaw id-detergents u t-toilet paper tiġi ċara jekk tistgħax tinħadem b'dawn il-prezzijiet, kompla jgħid illi s-Sur Saviour Mifsud tefa prezz vijabli u jekk ma jaderixxix ma dak li hemm miktub fil-kuntratt għandna nibgħatu d-default notices mill-ewwel.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li jsir rapport kull xahar u jsiru spot checks.

Kien hemm qbil unanimu illi l-aħjar offerent huwa is-Sur Saviour Mifsud imma minħabba li din ma kinietx agenbda item ser tiġi diskuss u tittieħed deċizzjoni finali fil-laqgħa li jmiss.

8.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-9.30p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir Nhar Il-Ħamis 23 ta' Ġunju 2016 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| ***Josef Grech*** | ***Mario Calleja*** |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |